MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2005

Appell Civili - Ghawdex Numru. 35/2001/1

**SMS Insurance Agency Limited**

**vs**

**Irving & Co Ltd**

**Il-Qorti,**

Fl-1 ta’ Dicembru, 2004, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Il-Qorti;

Rat l-avviz tas-socjeta’ attrici fejn talbet illi s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erbat elef seba’ mija u wiehed u sittin lira Maltija u sebgha u tletin centezmu (LM4761.37) rapprezentanti hlas ta’ diversi poloz ta’ assikurazzjoni miksuba minnha minghand l-istess socjeta’ attrici (Dok A).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mit-30 ta' Settembru 1998 sad-data tal-hlas relattiv.

Is-socjeta' konvenuta mharrka ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qed tigi ngunta.

Ikkonstatat li s-socjeta' konvenuta ghalkemm notifikata naqset milli tipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Din il-kawza giet intavolata fis-6 ta' Settembru 2001 u tul sitt udjenzi iffissati sal-lum ma sar proprju xejn. Mhux biss izda s-socjeta' konvenuta lanqas biss ipprezentat nota ta' l-eccezzjonijiet.

Fid-dawl ta' dawn il-kostatazzjonijiet ta' fatt din il-Qorti osservat li s-socjeta' attrici flimkien ma' l-avviz ipprezentat prospett elenkanti l-ammont dovut li ma gie qatt ikkontestat. Konsegwentement u fuq l-iskorta tan-nuqqasijiet tas-socjeta' konvenuta kif fuq spjegat issib li t-talba ghandha tigi milqugha.

Ghaldaqstant, tiddeciedi li tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici billi tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha l-ammont ta' erbat elef seba' mija u wiehed u sittin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm4761.37) bl-imghax mit-30 ta' Settembru 1998 sal-hlas effettiv u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta."

Is-socjeta` konvenuta appellat minn din is-sentenza u talbet ir-revoka taghha in bazi ghal dawn l-aggravji:-

I. In-nuqqasijiet li l-ewwel Qorti tghid li rriskontrat fil-kondotta taghha tal-kawza, u li fuqhom dik il-Qorti rpozat il-konkluzjoni taghha, huma inezistenti u effimeri;

II. Ankorke kellu jitqies li hi kienet fi stat ta' kontumacja, l-ewwel Qorti xorta wahda kellha l-obbligu li tezamina jekk is-socjeta` attrici ssodisfatx l-oneru nkombenti fuqha li tipprova l-kaz taghha;

L-inkartament ta' dan il-kaz jipprezenta dan il-kwadru:-

(1) L-avviz introdott fis-6 ta' Settembru 2001 domandanti l-hlas tas-somma hemm indikata dovuta fuq diversi poloz ta' assikurazzjoni, kif ahjar dettaljat fl-i*statement* anness ma' l-istess avviz;

(2) Fl-ewwel udjenza tal-15 ta' Novembru 2001 dehru l-avukati difensuri tal-kontendenti u l-kawza giet aggornata ghall-provi tas-socjeta` attrici. Dan l-aggornament ghal dan l-istess skop kompla jigi registrat f' verbali fid-diversi udjenzi li segwew. L-avukat difensur tas-socjeta` attrici kien issenjala lill-Qorti li kienet qed isib diffikolta` biex jipprezenta x-xhieda bil-procedura ta' l-Affidvait. Ara verbal tas-7 ta' Ottubru 2003 (fol. 11);

(3) Minn hemm il-kawza ssoktat tigi differita sakemm il-Qorti ddecidiet li thalliha ghas-sentenza in difett ta' ostakolu;

(4) Jigi notat li s-socjeta` konvenuta ma ntavolat ebda eccezzjonijiet formali imma fil-kors tad-diversi udjenzi r-rapprezentant legali taghha ma naqasx milli jattendi;

(5) Il-Qorti ghaddiet biex akkoljiet it-talba tas-socjeta` attrici fuq il-konsiderazzjoni li s-socjeta` konvenuta ma kienetx ikkontestat il-prospett elenkanti l-ammont dovut;

L-Artikolu 125 (2) tal-Kapitolu 12 jiddisponi li fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza taghha nferjuri l-procediment jitmexxa b' citazzjoni. B' mod specifiku jinsab provdut fl-Artikolu 171 (1) l-ghamla u l-kontenut ta' din ic-citazzjoni. Huwa

mistenni li wara li jigi notifikat bl-att promotur, il-konvenut iressaq id-difiza tieghu permezz ta' Nota ta' l-eccezzjonijiet skond kif jinghad fl-Artikolu 158 u jekk jonqos li jaghmel dan il-qorti tista' tiddeciedi l-kawza bhallikieku l-konvenut baqa' kontumaci;

Dan premess, huwa akkolt f' gurisprudenza pacifika illi "l-istitut tal-kontumacja huwa bazat fuq il-presuppost illi l-konvenut bin-nuqqas tieghu wera kontumelia u dispett ghas-sejha tal-Qorti meta huwa gie konvenut bic-citazzjoni, u hija din id-disubbidjenza li l-ligi trid tippunixxi in kwantu kontumacja bhal dik hi element ta' disordni socjali" – "**Joseph Vella *proprio et nomine* -vs- John Vella**", Appell Kummercjali, 21 ta' Mejju 1993;

Intqal ukoll illi "indubbjament l-istitut tal-kontumacja bl-ebda mod ma huwa relatat mal-mertu tal-kawza jew ma' l-implikazzjonijiet personali, socjali jew xort' ohra tieghu. Hu istitut intiz biss bhala fren biex irazzan l-atteggjament ta' kontumelja u disprezz da parti ta' min kien citat biex jersaq quddiem il-Qorti u jaghzel li jinjora tali ordni bla ma jkollu gustifikazzjoni xierqa" – "**Vivien Charmaine Mizzi -vs- Carmel Mizzi**", Appell, 13 ta' Lulju 2001; "**Il-Kummissarju ta' l-Artijiet -vs- John Curmi**", Prim' Awla, 31 ta' Jannar 2003;

Jinsab deciz ukoll illi "biex tissussisti l-kontumacja din trid tkun kemm fl-atti kif ukoll fl-udjenza. Huwa manifest ghalhekk li assenza mill-att trid tigi konfermata b' assenza wkoll mill-udjenza <u>fis-sens shih tal-kelma</u>" – "**Benny Zaffarese *nomine* -vs- Maximillian Castagna *nomine***", Appell, 30 ta' Gunju 1997; "**Costantino Abela -vs- George Azzopardi**", Appell, 28 ta' Mejju 1990. Minn dan jitnissel illi l-kontumacja strutturalment trid tissussisti kemm fil-forma kif ukoll fis-sustanza;

Dan iwassal ghal din ir-riflessjoni l-ohra. "Ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci, dan ma jaghtix lok ghall-prezunzjoni ta' l-abbandun tal-liti, ghad-difett ta'

eccezzjonijiet legittimi, jew ghal adezjoni ghad-domanda, imma, invece, ghas-supposizzjoni ta' remissjoni ghall-gustizzja tat-tribunal" (**Kollez. Vol. XLIII P I p 545**). Fi kliem iehor, l-invokazzjoni tal-principju "*pro contumacis omnia jura clamant*" (Ara **Kollez. Vol. XXI P II p 234**);

Minn dan isegwi illi "l-gudikant ghandu jezamina jekk it-talba hix gustifikata indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut" – "**Giuseppe Wismayer -vs- Giovanni Magro**", Qorti tal-Kummerc, 24 ta' Novembru 1934 (**Kollez. Vol. XXIX P III p 35**). Una volta li l-kontumacja ma tfisserx ammissjoni imma tfisser kontestazzjoni "l-attur xorta jibqa' li jrid jipprova t-talbiet tieghu u l-premessi ghalihom" – "**Joseph Edmond *sive* Jesmond Mizzi -vs- Brian u Jeffrey J. Mizzi *nomine***", Appell, 27 ta' Marzu 1996;

Applikati l-principji u l-enuncjazzjonijiet suddetti ghall-kaz in ezami, u dejjem tenut rigward tal-kwadru aktar 'il fuq delinejat kif johrog mill-inkartament ma jidherx li jista' ragonevolment jinghad li l-ewwel Qorti kkoltivat kif kien jixtraq u skond il-principji tal-gustizzja l-interess tal-kumpanija konvenuta f' din il-kawza. Dan ghaliex, fic-cirkostanzi rizultanti, fejn kienet mankanti ghal kollox anke dik il-prova minima, u guramentata, da parte tas-socjeta` attrici konfermanti l-ammont dovut, meta allura wkoll il-kawza giet aggornata bosta drabi ghall-provi taghha, l-anqas li kien mistenni kien li l-Qorti, in vista tan-nuqqas ta' provi, anke wahda permezz ta' kapitolu, tqis li s-socjeta` attrici appellata naqset milli adegwatament issostni l-legittimita` u l-fondatezza tal-meritu tal-kawza u tal-pretensjoni taghha. Huwa l-kaz ghalhekk li din il-Qorti titbieghed mill-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti. B' danakollu din il-Qorti thoss li ma jkunx xieraq illi ghan-nuqqas tal-Qorti li ssegwi l-principji affermati ghandha tbati s-socjeta` appellata. Ser tahseb ghalhekk biex tannulla s-sentenza u tirrimetti l-atti lill-ewwel Qorti ghall-ulterjuri konsiderazzjoni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell interpost u b' hekk thassar ghal kollox is-sentenza appellata. Tirrinvija l-atti lill-ewwel Qorti ghall-konsiderazzjoni ulterjuri u decizjoni tal-meritu fid-dawl tal-principji fuq enuncjati. L-ispejjez taz-zewg istanzi jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------